Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007

Rikors Ta Revoka Numru. 349/2007

**Rikors numru 349/07 GC**

**Natalia Butyrina**

**vs**

**John Joseph Cefai**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta’ John Joseph Cefai fejn gie premess :

Illi permezz ta' dan ir-rikors l-esponenti qed jitlob li dan il-mandat jigi michud u dan minhabba r-ragunijiet segwenti:

Illi dan il-mandat sar kemm kontra l-esponenti personalment kif ukoll kontra socjetajiet indipendenti minnu li huwa ghandu l-ishma fihom u cioe' Topserv (Gozo) Limited u Topserv (Lifts) Limited;

Illi mandat tax-xorta odjerna ma setghax jinhareg fl-atti tal-kawza odjerna;.

Illi fil-fatt l-unika artikolu li jawtorizza mandati tax-xorta mitluba f'dan il-mandat huwa l-artikolu 876 tal-Kap.12 izda dan biss meta l-ishma fil-kumpanija jkunu jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Fil-fatt, dan l-artikolu jipprovdi illi tista' ssir inibizzjoni kontra parti milli tiddisponi minn ishma f'socjeta kummercjali "jekk dawn l-ishma jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti", u li socjeta' tista' tigi mizmuma milli tiddisponi proprjeta' jew jeddijiet jekk l-maggoranza ta' l-ishma fiha "jkunu tal-komunjoni ta' l-akkwisti";

Illi minghajr dubju, gialadarba il-ligi kkwalifikat b'mod car li mandat bhal dawk odjerni jistghu jinhargu in konnessjoni ma' kawza ta' separazzjoni pendenti jekk l-ishma u s-socjetajiet in kwistjoni jkunu proprjeta' tal-komunjoni ta' l-akkwisti, hija ma riditx li mandati ta' din ix-xorta johorgu anki meta l-ishma ma jkunux jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet;

Illi kieku wiehed kellu jinterpreta l-ligi mod iehor minn kif imsemmi fil-paragrafu precedenti ghal dan, allura jfisser li l-artikolu 876 qieghed hemm ghalxejn, u dan ghaliex id-distinzjoni milhuqa minnu m'ghandha l-ebda effett;

Illi l-esponenti jemmen li l-mandat odjern ma setghax jintlaqa' proprju ghaliex l-ishma li ghandu l-intimat fis-socjeta' Topserv (Gozo) Limited u Topserv (lifts) Limited ma jappartjenux lill-komunjoni ta' l-akkwisti, izda huma proprjeta' parafernali tighu. Il-partijiet fil-fatt itterminaw il-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejniethom permezz ta' kuntratt maghmul fis-7 ta' Awissu 2004 fl-atti tan-Nutar Paul

George Pisani (Dok A) u permezz ta’ dan il-kuntratt, kwalunkwe ishma fis-socjeta’ Topserv (Gozo) Limited gew assenjati lill-esponenti John Joseph Cefai u huma proprjeta’ parafernali tieghu. Min-naha l’ohra, is-socjeta’ Topserv (Lifts) Limited giet kostitwita fis-7 ta’ Jannar 2005 (Dok B), u cioe’ wara t-terminazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet, u ghalhekk hija wkoll tikkonsisti fi proprjeta’ parafernali tieghu;

Illi ghaldaqstant, il-mandat odjern ma seta’ qatt jintlaqa’;

Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob li, a tenur ta’ l-artikolu 836(f) u ta’ l-artikolu 876 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, jigu revokati ghal kollox l-effetti ta’ dan il-mandat;

Rat ir-risposta ta’ Natalia Butyrina fejn gie sottomess:

1. illi hu principju assodat li bil-ligi, li l-ghan ta’ talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak, fost ohrajn, li hares minn hsara jew pregiudizzju li jista’ jigi rekat lir-rikorrent kreditur b’xi azzjoni tad-debitur. Peress li si tratta ta’ proceduri preliminari, fil-hrug ta’ atti kawtelatorji ma hemmx ghalfejn li jigi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista’ ikun bizzejjed li min qed jitlob il-hrug tal-mandat jikkonferma bil-gurament li hu kreditur tal-intimat;

2. illi ukoll l-pretensjoni li l-mandat in kwistjoni hu ta’ pregudizzju ghad-debitur mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat. Dan isegwi minn principju fondamentali iehor li min jesercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f’dan l-esercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista ibaghti haddiehor in omagg ghall-massima *qui sue iure utitur, non videdtur damnum facere”;*

3. persuna li titlob il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni ghandha turi 1) li l-mandat hu mehtieg biex jitharsu id-drittijiet pretisi tar-rikorrent u 2) li ir-rikorrent jidher li mad-daqqa t’ghajn, ossia *prima-facie,* ghandu dan id-dritt. Il-procedura hija wahda sommarja u mhux rikjest mir-rikorrent li f’dan l-istadju li iressaq quddiem il-Qorti il-provi kollha mistenni li jressaq fil-kawza dwar l-istess jedd;

4. illi jigi rilevat li l-hrug tal-mandat odjern qed jintalab mhux a basi tal-artikolu 876 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta citat mir-rikorrent imma a basi tal-artikolu 873 tal-Kap 12.

5. illi lanqas hu minnu li l-esponenti ma tistax tressaq talbiet bhal dawk mertu ta' dan ir-rikors. L-assi tal-intimati jiggarantixxu il-hlas tal-kreditu pretiz mill-esponenti u dawn l-assi jinkludu l-ishma. Jekk l-intimat ma jigix inibit milli jiddisponi mill-ishma, jista' facilment idawwarhom f'isem haddiehor;

6. illi tajjeb li wiehed jiccara r-retroxxena vera bejn il-partijiet. L-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni tal-beni kif ukoll skrittura privata kontemporanjament ghall-iffirmar ta' kuntratt imsemmi. L-intimat ikkostitwixxa ruhu bhala debitur f'ammont likwidat bhala ekwiparazzjoni ta' Lm100000 favur l-esponenti. Dan l-ammont kellu jithallas fi skadenza mensili permezz ta' kambjalijiet. Din is-somma kienet tirrapresenta il quid pro quo peress li l-esponenti ittrasferiet is-sehem li kellha fis-socjeta' Topserv (Gozo) Limited lil zewgha;

7. illi wara li ha li ried, l-intimat wera li ma kellu ebda intenzjoni li jonora il-ftehim tieghu u agixxa in mala fede peress li kien indampjenti fil-hlas ta mhux wahda, imma serje ta' kambjalijiet. Fil-fatt ilu ma jhallas ebda kambjala mill-ahhar tas-sena 2005;

8. illi dan ir-rifjut tieghu li jonora il-kreditu tal-esponenti jassoda it-talba taghha li ghandha tinghata kull mezz biex tipprotegi id-drittijiet taghha. Hu facli wisq biex l-intimat jeludi dawn id-drittijiet. Ghandu is-sahha kollha bhala *sole director u sole shareholder* fil-kumpaniji citati li effettivament jirriduci l-valur tal-ishma u johloq *shell company* – li jisvesti il-kumpanija mill-assi kollha taghha u inaqqas il-valur tal-ishma b'diversi metodi;

9. il-hrug tal-mandat mitlub mhux ser jimpedixxi lill-intimat milli jitlob ir-rilaxx/riduzzjoni in toto jew in parte f'kaz li jixtieq awtorizzazzjoni biex jassenja xi ishma jew jaghmel xi negozju guridiku permezz ta' rikors *ad hoc*,

mentri ic-cahda tal-mandat ser thalli lill-esponenti lampa stampa minghajr ebda protezzjoni reali u ittih *carte blanche* biex jeludi l-obbligi tieghu b'mod assolut;

10. illi talbiet simili gja gew milqugha minn din l-Onorabbli Qorti. L-esponenti taghmel riferenza ghall-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 203/05GC fl-ismijiet *Lehner v Pace* liema mandat intalab minn mara mizzewga fil-konfront ta' socjeta parafernali ta' zewgha (Ian Pace Limited) u ta' socjetajiet li fihom zewgha ma kellhux il-maggoranza tal-ismha kif ukoll riferibbilment ghall-beni u assi tas-istess socjetajiet (DOK A) Similment fil-kaz Carmen Debono v John Debono et noe et il-Qorti diversament presjeduta akkordat mandat ta' Inibizzjoni mandat ta' inibizzjoni numru 96/06 fuq talba ta' mara mizzewga rigwardanti socjetajiet kummercjali li fihom ir-ragel irrisulta li ma kienx azzjonist maggoritarju. Bl-istess mandat is-socjetajiet gew inibiti milli jiddisponu mill-beni immobbli taghhom kif ukoll milli jaghmlu attijiet li jistghu jipregiudikaw lill-kreditrici;

11. illi inoltre l-intimat wera bic-car fil-mori tal-proceduri li qed jaghmel minn kollox biex jeludi lill-esponenti mid-drittijiet taghha u mill-kawteli taghha sabiex effettivament tottjeni il-hlas relattiv tal-krediti taghha u tal-manteniment dovut lilha u lil binhom minuri. Wara li hareg il-kambjalijiet imsemmija, issa qed jikkontesta il-validita taghhom. Allura wiehed ghandu ben jifhem li hu immira biss biex iqarraq bl-esponenti basta li ottjena is-separazzjoni tal-beni u kontroll assolut fuq sehemha mill-assi tal-komunjoni li gja kien jirregolahom. *Fraus omnia korrumpit*. F' dan l-isfond ma jirrisulta minn imkien li l-esponenti qed tkun vessatorja fit-talba taghha;

12. illi fil-fatt l-intimat ilu jahseb kif jista jeludi l-obbligazzjonijiet tieghu u l-assi tieghu huma kollha intestati f'isem terzi jew f'isem il-kumpaniji tieghu. Biss biss isuq vettura BMWS 530 (Numru ta' registrazzjoni 000530) li tiswa mal-Lm40000 li kien registrat f'isem terza persuna minkejja li juzaha hu kuljum;

13. illi l-esponenti kienet ukoll talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra zewgha izda gie depositat biss ammont miseru ta' LM700. Mhuwiex kredibbli li negozjant ghandu biss din is-somma fuq ismu u dan issahhah it-tesi tal-esponenti li hu qed jinqeda bit-terzi;

14. ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din il-Qorti sabiex joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors gie differit sabiex jinghata l-provediment finali;

Ikkonsidrat:

Fir-rikors tieghu r-rikorrenti John Joseph Cefai b'refernza ghal mandat ta' inibizzjoni numru 218/07 ippremetta li l-istess mandat gie ottjenut kemm kontra tieghu personalment kif ukoll kontra s-socjetajiet Topserv (Gozo) Limited u Topserv (Lifts) Limited, li fihom l-istess rikorrenti ghandu sehem. L-istess rikorrenti jkompli jippremetti li skond il-provedimenti tal-artikolu 876 tal-Kap.12 mandat bhal dak in kwestjoni jista biss jigi ottjenut in konnessjoni ma' kawza ta' separazzjoni pendenti u jekk l-ishma u s-socjetajiet in kwistjoni jkunu proprjeta' tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Skond ir-rikorrenti l-ligi ma tippermettix li mandati johorgu anki meta l-ishma ma jkunux jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet. Ir-rikorrenti jippremetti ukoll li l-ishma li ghandu fl-imsemmija socjetajiet ma jappartjenux lill-komunjoni ta' l-akkwisti, izda huma proprjeta' parafernali tieghu. Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob li, a tenur ta' l-artikolu 836(f) u ta' l-artikolu 876 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-effetti tal-mandat in kwestjoni jigu revokati ghal kollox;

Ghandu jigi rilevat li jidher li t-talba ghal hrug tal-mandat in kwestjoni giet akkolta a bazi tal-provedimenti tal-artikolu 873 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux skond l-artikolu

876 tal-istess Kap.12. Dan l-artikolu tal-ahhar gie invokat mir-rikorrenti bhala il-bazi tat-talbiet tieghu kif dedotti f'dan ir-rikors. Hawnhekk si tratta ta' kawtela ghar-rigward ta' kreditu pretiz u jidher li m'hemmx involuti xi proceduri ta' separazzjoni. Ma hemmx dubju li l-intimata ghandha kull dritt li tikkawtela l-pretensjonijiet taghha anke ghar-rigward tal-assi tar-rikorrenti anke jekk dawn huma parafernali. In effett l-assi kollha tar-rikorrenti jghamlu tajjeb ghal-krediti pretizi mhux biss mill-intimata izda ukoll minn terzi;

Jidher li f'dan il-kaz il-Qorti kompetenti, li ordnat il-hrug tal-mandat in kwestjoni, rriteniet li l-mandat kien mehtieg biex jitharsu id-drittijiet pretisi tal-intimata u li l-istess intimata prima facie ghandha dawn id-drittijiet li jehtiegu li jigu kawtelati. Inoltre l-hrug tal-mandat in kwestjoni m'ghandux izomm lir-rikorrenti li, jekk ikun il-kaz u jekk irid, jghamel talba ad hoc skond il-kondizzjonijiet vigenti fil-hin li ssir l-istess talba;

In vista tal-premess it-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw li jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors tieghu;

Spejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------